it-tennija tal-kliem aħħari skond it-tradizzjoni ta' poeti antiki bħal Petrarca.

Fit-tematika Vassallo hu kollu kemm hu romantiku, mimli bi mħabba mfawra bil-passjoni għall-patrija bħala l-qofol ta' l-affezzjonijiet (24). It-tema ta' l-emigrazzjoni ta' bosta Maltin f'dawn l-egħxieren ta' snin, problema mnissla miċ-ċirkustanzi soċjali tal-gżira, tikseb it-tifsira romantika ta' l-eżilju. Il-missjoni ta' xi Berchet jew xi Porta, li jitkellmu bl-akbar tqanqil u ħerqan mal-poplu u li jitnebbħu mill-problemi tiegħu l-aktar immedjati, hija wkoll il-missjoni li għażel Vassallo, ħsiebu kollu kemm hu fl-ambjent tiegħu.

Fil-ħrejjef, influwenzati, kif stqarr huwa nnifsu, minn Luigi Fiacchi (Clasio) u minn Lorenzo Pignotti, Vassallo tmexxa l-ħin kollu minn ħtieġa didattika u moralistika. Fost il-versi tiegħu, tinsab ukoll traduzzjoni ta' żewġ siltiet minn *Lucia di Lamermoor* u ta' xi versi ta' Cosimo Calvelli (25).

Poeta ta' l-istess żmien, Richard Taylor (1818-1868) jissokta l-istess linja kumplessiva: jilqa' u jixrob temi u forom tat-tradizzjoni letterarja Taljana. Ħaddem huwa wkoll għażla ġmielħa ta' versi Taljani u qaleb għall-Malti xogħol satiriku ta' Dionilgo Valdecio, awtur li kważi ntesa għal kollox. Aktar impenjattiv hu l-qlib li għamel tal-kant XXXIII ta' l-*Inferno* (1864). L-ammirazzjoni ta' Taylor għall-poeta divin tinħass mhux ftit fid-daħla għall-ktejjeb: "... Dante Alighieri, l'autore che è la meraviglia di tutte le nazioni; ... chi lo legge prova una meraviglia..." (26). Taylor kellu l-ħsieb jaqleb l-opra kollha, iżda miet ftit snin wara.

Taylor u poeti minuri oħra, bħal Ludovico Mifsud Tommasi (1795-1879), jorbtu l-imgħoddi mas-snin li ġew wara minnufih bil-produzzjoni wiesgħa tagħhom ta' innijiet reliġjużi, miktubin kważi dejjem b'versi ottonari. Uħud jidħlu, minn aspetti varji, fit-tradizzjoni ta' l-innijiet ta' Tasso, Chiabrera, Menzini, Cotta, Lemene u oħrajn.

## EGHLUQ

Dawn il-kunsiderazzjonijiet iwassluna fl-ambjent letterarju Malti

---

24. Ara **Il Gifen Torc,** Malta, 1853, **Mogħdija taż-żmien f'Ilsien Malti,** Malta, 1843, **Għal Chitarra ossia collezione di nuove poesie maltesi ad uso delle scuole primarie,** Malta, 1853.
25. Dwar aspetti varji tal-personalità ta' G.A. Vassallo ara d-daħla tiegħi għall-edizzjoni ta' **il-Ċifen Tork,** maħruġa mill-Klabb Kotba Maltin, 1975.
26. **Il Conti Ugolino, mid-Divina Commedia Cant XXXIII ta l'Infern ta' Dante Alighieri miġjub fl-ilsien Malti minn Richard Taylor,** Malta, 1846.



bil-Malti ta' l-aħħar snin tas-seklu dsatax u ta' l-ewwel egħxieren ta' snin tas-seklu għoxrin meta ħakem fuq il-bqija Dun Karm. Il-kollegi tiegħu laqgħu dan id-depożitu għani u wiesa' ta' ġid metriku u ta' influwenzi poetiċi differenti u wrew il-ħiliet tagħhom f'dawk li huma assimilazzjoni u tiġdid.

# Tebut

Kaxxa kwadra, tawwalija,
miżbugħa ħamra jew sewda jew kaħla,
mogħtija żejt jew lostru,
ta' l-abjad, tal-ġewż jew tal-kewba....

X'jimporta?
L-aqwa li int ħanina
għax tostor fik il-JIEN
— il-jien kif jien —
mgħobbi u mxekkel b'ġisem
li jgħix irid bla rażan,
maħqur minn xorti kiefra.

Int l-aħħar tama tiegħi,
fik għad nistrieħ għal dejjem.
— u ħbieb ta' ġewwa —
għax waqt li n-nies tistmellni,
int trossni fik:
hekk bħal ma omm
tħaddan tarbija f'ġufha.

ALFRED MASSA.